MINUTI

KUNSILL LOKALI FONTANA

ID-DISA' LEĠIŻLATURA

**Laqgħa Numru 08**

**It-Tlieta, 07 ta' Jannar 2025**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Komunità tal-Kunsill Lokali, nhar it-Tlieta, 07 ta' Jannar 2024 fit-3:30 ta wara nofsinhar. Il-ħin tal-laqgħa ġie ffissat bi qbil unanimu bejn il-membri tal-Kunsill.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Thomas Mizzi – Sindku
Is-sinjura Ivana Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Joseph Mercieca - Kunsillier
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Carmelo Micallef – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Loretta Cauchi – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti;**

Is-Sindku Thomas Mizzi ippresjeda l-laqgħa.

**8.1 Talba;**

8.1.1 Il-laqgħa bdiet fil-03:48 ta wara nofsinhar, bi qbil unanimu bejn il-membri intqagħlet it-talba tal-bidu.

**8.2 Qari tal-ittri t'apoloġija;**

8.2.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

**8.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

8.3.1 Ġew ipprezentati u approvati il-Minuti Numru 6.



*Kunsill Lokali Il-Fontana, Multipurpose Room, l-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku, Triq Ta' Mulejja, il-Fontana FNT1110, Għawdex*
*Tel: 21558877 / Email: fontana.lc@gov.mt / Website:www.fontanagozo.com*

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

**8.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

8.4.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 07/2025 ghal perjodu ta' bejn is-07 ta' Diċembru, 2024 u s-07 ta' Jannar, 2025 li tammonta għal €15,105.93 ġiet approvata u iffirmata. Ġiet iprezentata wkoll kopja tal-ispejjez relatati ma *Petty Cash* li saru matul ix-xahar.

**8.5.1 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

Is-Sindku għarraf lill-membri:

8.5.1 Li ilbieraħ waqt il-laqgħa mal-Hon. Clint Camilleri ġie diskuss il-punt ta Triq tal-Għajn kif kien mifthiem bejn il membri aktar kmieni s-sena l-oħra meta ġie diskuss dan il punt. Tqajmu żewġ proposti, l-ewwel proposta kienet li titqaxxar it-triq u s-servizzi ma jsirrux għalissa, jew li nistennew ftit u jinħareġ tender biex is-servizzi jinbidlu. Il-membri li kienu prezenti sostnew li ladarba ser issir t-triq issiru s-servizzi ukoll,is-Sindku Thomas Mizzi issugerixxa ukoll biex il-linji tad-dawl jiġu mgħoddija minn taħt l-art biex tingħata dehra isbaħ lil din it-triq. Fdin il-laqgħa is-Sindku Għal-aħħar tax-xahar ta Jannar ser ikun hemm *follow up meeting.* Il-laqggħa kienet waħda pozittiva u għat-tieni laqgħa ser jiġi mistieden ukoll l-kunsill tar-Rabat biex nikordinaw u niġu nfurmati kif ser jitmexxa x-ogħol;

8.5.2 Wara il-laqgħa mal-ministru, l-istess membri li attendew għal-laqgħa baqaw serjrin għand il-perit responsabli mill bini taċ-Ċentru Ċiviku. Fil-pezenza tal membri ikonferma li hu kien ser jgħaddi l-informazzjoni lil kuntrattu biex dan ikun jista jiproċedi;

8.5.3 Rigward il-*Lifelong Learning* u l-korrrispondenza mid-departiment *SPI/SCI/1/2025 - Korsijiet Lifelong Learning 2025/2026.* Is-sindku bħal ma diġa kien semma fl-laqgħat oħra, hu jixtieq li nibdew nofru korsijiet li ssiru fis-sala tagħna. Il-kunċett tal- *Lifelong Learning* ikun miftuħ għal kulħadd filwaqt li dawk ta sittin (60) sena l fuq ikollhom l-ewwel kors bla ħlas. Il-kunsill ser ikun qed jofri l-korsijiet tal-*ganutel* u *weaving* minn Frar il quddiem u ser ikun qed jiddiskuti possibiltajiet għal aktar korsijiet minn Settembru li ġej;

8.5.4 li r-Reġjun t' Għawdex ser ikun qed jorganizza *Year of Culture & Gastronomy 2025".* Għal dan l-avveniment kull raħal mistieden jagħmel attivita dwar dak li għandu x jaqssam mar-raħal. Minn informazzjoni li ġiet mogħtija sa issa ġie ikonfermat li ser issir *opening event* fid- *Ditch* ġewwa c-Ċittadella. Fil-ġranet li ġejjin ser issir laqgħa ma kull kunsill biex ninghataw aktar informazzjoni dwar x'inhu mistenni minn kull

KUNSILL LOKALI FONTANA

kunsill. Fil-laqgħa li jmiss jiġi diskuss aktar fid-dettal bl-informazzjoni li nakwistaw;

**8.6 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera;**

8.6.1 Il-Viċi Sindku resqet ilment dwar il-fatt li l-*van* tal-kunsill matul l-lejl mhux tkun ipparkjata fil-parking bay ipprovdut għalija. Punt ieħor kien li l-wire tac-*charge* hu ta periklu kbir. Is-segretarju ikonfermat li jiġri sikwit hu li fil-*parking bay* ipprovdut għal van qed jipparkjaw karozzi oħra. Is-Segretarju ikonfermat li għal darba oħra ser tesiġi li l-*van* ma tiġix iċċarġjata matul l-lejl jew f'ħinijiet ta dlam. Il-kunsill pprova jiċċarġja mac-*charging point* fit-Triq il-Qalb ta' Ġesu' izda hemm problema bil- *connection wire;*

8.6.2 Ilment ieħor li reseqet il-Viċi sindku kien dwar il-parkeġġ ta wara il-knisja. Il-persuna li lmentat staqsiet jistawx isisru marki ttal-ħadid bħal dawk li hemm fi pjazza Savina biex jimmarkaw il-parkeġġ biex ikun jista jiġi llimitat l-parkeġġ bl addoċċ. Fl-istess punt kompliet li persuna oħra talbet li ssir *disabled parking bay* wara l-knisja għaliex fil-prezent hemm persuna li ma tistax tiġi l-knisja bit-tifel, Waqt li kien qed jiġu diskussi dawn il-punti, l-kunsillier Horace Micallef informa lill membri li meta sar il-proġett ta wara il-knisja il-fondi li ngħataw għal-proġett kien biex dik l-parti tkun *open space.* Rigward id-*disabled parking* l-uniku possibilita hi li ssir waħda fit-Triq tal-kunsill izda waqt l-istess laqggħa ġie ikkonfermat li *communial disabled parking* mhux qed jinħarġu;

8.6.3 Ilment li tqajjem waqt il-punt preċedenti kien dwar id- *disabled parking* fit-Triq Kappillan Hili. Is-Segretarju infurmat lil membri li matul l-ġimgħa li għaddiet rċivit *email* mingħand Dr. Camillieri biex nerġaw nibgħatu xi korrispondenza li għandna u li għadna ma rċivejnix risposta dwarha. Is-segretarju infurmat li hi bgħatet isaqsi biex tara fejn waslu dawn l-applikazjonijiet u sal-ħin tal-laqgħa kien għad ma kien hemm l-ebda risposta. Is-segretarju reġat ikonfermat li hi/il-kunsill jista biss tgħin biex timtela l-applikazzjoni għal *disabled personalized parking* għaliex l-application trid timtela minn l-applikant u rrid ikun hu li jiproċessa l-applikazzjoni mal-entitajiet ikonċernati. Waqt id-diskussjoni tqajjem il-punt li hu ferm importanti li applikazzjonijiet li ssiru Malta, l-uffiċju ta' Għawdex ma ikollux aċċess għalihom qabel jinħareġ il permess. Il-kunsillier Horace Micallef ikkonferma ukoll li kellem lil waħda mir-residenti kkonċernati li marret fl-uffiċju tiegħu u spjegalha l-proċess kollu u irrakomandalha li terġa taplika Għawdex;

8.6.4 Il-Viċi sindku, Ivana Mizzi qajjmet il-punt fuq ilmenti li qed tirċivi dwar d-dlam li qed ikun hemm fi Triq Kappillan Hili. Ġie diskuss fit-tul fejn ġie diskuss li l-kuntrattur qed jieħu ħafna zmien biex jibdel l-bozoz. Ġie

deċiż li naraw jekk ikunx possibli nagħmlu kuntatt ma xi persuni oħra li jofru dan is-servizz. Waqt dan il-punt ġie diskuss ukoll il -fanali u li stat tagħhom. Ġie deċiż li nitolbu lil ta *Galea Curmi Engineering* jagħmlu *assessment* fuq il-fanali ta Triq Kappillan Hili u nibdew minn hemm biex wara li ssir l-*assessmet* niddiskutu x jista ssir;

8.6.5 Ill-kunsillier Joseph Mercieca reġa semma l-punt dwar *dog bin* fi Triq Wied Siekel. Dan il-punt kien issemma fl-laqgħa preċedenti imma kien għadu ma twaħħalx. Is-sindku ikonferma li ser jitwaħħal għada għax il-.*bin* qiegħed fil-garaxx;

8.6.6 Il-kunsillier Horace Micallef reġa semma l-punt dwar il-kaxxa tal- *GO* li ġiet stallata kwazi fil-kantuniera. Hu wera it-tħassib tiegħu dwar il-possibilta ta inċident gravi. Hu kien staqsa jekk sarx il-permess neċessarju għat-*trenchin.* Is-segretarju ikonfermat li l ebda permess ma ntalab. Is-sindku talab lil-kunsillier jibgħatlu ritratt biex tinkiteb ittra lil GO biex jinstab post alternattiv għal din il-kaxxa;

8.6.7 Il-kunsillier Carmelo Micallef ġibed l-attenzjoni li fi Triq Allessandro Franchi hemm toqba li għanda bzonn *patching*;

## 8.7 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti;

8.7.1 Is-segretarju ġibdet l-attenzjoni fuq pagament li hemm fuq l-skeda ta pagamenti lil paroċċa. Dan hu rimbors tal-Festa 2023 li l-kunsill akkwista mingħand ir-Reġjun li ġie minn skema tal-LESA. Il-paroċċa diġa kienet ingħatat rimbors għas-servizzi tal-festa 2024;

8.7.2 Is-segretarju xtaqet konferma qabel ma tiproċessa l-pagament ta' Joseph Grima li kien imnizzzel fuq l-skeda ta' pagamenti skeda numru 06, wara li hi iċċirkolat l-spjegazzjoni tal-kont permezz ta-*email.* Il-kunsillera ikonfermaw li jista jiġi proċessat il-pagament;

8.7.3 Is-Segretarju resqet talba li rċiviet biex issir bozza ġdida fi sqaq wara l-*Fontana Cottage.* Ġie irakomandat li niċċekja mal-ERA jekk jistax jingħata dawl fil-post imsemmi;

8.7.4 Is-segretarju reġat qajmet il-punt fuq ir-rikjesta li rċiviet xi zmien ilu għal-*Unloading Bay.* Is-Sindku irrakomanda li wara id-diskussjoni li saret ilbieraħ mal-Hon. Clint Camilleri nibgħatu *email* lil dan ir-resident biex ninfurmawh. Waqt id-diskussjoni saret enfazi li *unloading bay* hi biss biex tinħat merkanzija minn vetturi kumerċjali. U waqt din id-diskusskjoni ġie diskuss il bzonn li jssir *traffic management* għalhekk ser tintbgħat email biex tinforma lir-resident ikonċernat li l-kunsill ser ikun



KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

qed jagħmel it-*traffic management* ta' Triq tal-Għajn. Il-proċess ser ikun qed issir waqt li Triq tal-Għajn tkun qed issir;

8.7.5 Is-segretarju ressaq rikjesta li saret mill-Kummissjoni Zgħazagħ Fontana biex jorganizzaw wirja fis-sala matul ir-Randan, bejn l-5 u s-16 ta' Marzu. Il-kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni izda xtaq li nagħmluwa ċara li l-ftuħ, l-għeluq tas-sala flimkien mar-responsabilita tal-istatwi fis-sala matul dawn il-ġranet ser tkun tal-Kummissjoni;

**8.8 Allokazzjoni finanzjarja tal-attivitajiet;**

8.8.1 Dan il-punt ser ikollu jiġi pospost għal laqgħat li ġejjin peress li laqgħa li kella issir mal- *accountant* ma saritx minħabba kontratemp li nqala u ser issir fil-ġimgħat li ġejjin;

**8.9 Attivitajiet;**

8.9.1 Is-sindku infoma lil membri li l-applikazzjonijiet *ta Easter in Gozo* ħarġu u ser jagħlqu fl-10 ta' Jannar. L-attivita li xtaq jorganizza xtaq li tkun għat-tfal, u ġiet proposta attivita fuq barra imma xtaq li jisma xi ideat. Kien hemm ideat, izda meta nqraw il-linji qwida mid-departiment, ġie deċiz li dik l-attivita li ssemmit tiġi organizzata matul s-sena peress li ma taqax f'dawn il-kriterji u għalhekk ġie deċiz li ssir akar tard matul is-sena. Fuq *Easter in Gozo* is-Sindku issuġerixxa li norganizzaw attivita ta *Clay making* għat-tfal nhar il-31ta' Marzu, il-kunsill approva u ser napplikaw. Fuq il-punt ta atttivitajiet is-segretarju enfazizat il-punt li tajjeb li norgaizzaw attivitajiet imma s-sehem u l-għajnuna tal-membri hi importanti u neċessarja biex l-attivita tkun ikordinata tajjeb;

8.9.2 Is-sindku ppropona ukoll li ssir ħarġa għal Malta fi Frar biex imorru naraw xi attivita tal-Karnival. Il-karnival ser ikun fil bidu ta Marzu u ġie deċiz li imorru it-Tnejn 3 ta' Marzu. Il-membri kollha qablu;

**8.10 Perit tal-kunsill;**

8.10.1 Is-sindku Thomas Mizzi fakkar lil membri li l-kunsill m'għandux perit tiegħu, u b'rizultat ta dan kull proġett għandu perit għalih, hu xtaq li tiġi diskussa l possibilita li ikollna perit tal-kunsill li jkun jista jikkordina l-proġetti kollha li jkunu għaddejjin. Hu informa lil membri li s-segretarju ser tkun qed taħdem fuq dan u nerġaw nitkellmu fuq dan il-punt fil-laqgħa li jmiss

KUNSILL LOKALI FONTANA

## 8.11 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fil-05:45 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 04 ta' Frar, 2025 fit-03:30 p.m. bi qbil unanimu u b'aġenda li tkun komunikata aktar 'l quddiem.

Konfermati, llum ____________________

Thomas Mizzi
Sindku

Loretta Cauchi
Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA